Kuntatt
...ma' l-iskola t'ibnek
Ottubru 2006
Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

**Għal sena aħjar**

Bilkemm tkun għadha kif spiċċat is-sena skolastika li wieħed ma jibdiex jaħseb f'dik li tkun ser tibda f'Settembru ta' wara. Matul il-ġimgħat li l-iskejjel ikunu magħluqin għall-vaganzi tas-sajf tkun għaddejja ħidma biex is-sena skolastika l-ġdida tibda tajjeb u tkun aħjar minn dik ta' qabilha.

Meta ngħidu sena aħjar, nifhmu sena fejn dak li jieħdu magħhom l-istudenti jkun aktar minn dak li jkunu ħadu fis-sena ta' qabel. Kien għalhekk li għall-aħħar tas-sena skolastika 2005/2006 aħna l-għalliema għamilna eżerċizzju biex naraw x'nistgħu nagħmlu biex għas-sena 2006/2007 ntejbu s-servizz li nagħtu.

Ħafna mill inizzjattivi li qbilna li nieħdu jinsabu miġburin u spjegati fil-Pjan ta' Żvilupp għas-sena skolastika 2006/2007 li biex wieħed jieħu idea ta' x'hemm imħejji biżżejjed insemmi li nħatru numru ta' kumitati minn fost l-għalliema biex:

- inħejju politika għall-assessjar
- indaħħlu lill-ġenituri sħab magħna
- noffru programm speċjali lil dawk l-istudenti li huma neqsin mill-ħiliet bażiċi
- nagħmlu użu aħjar tal-fondi għad-dispożizzjoni ta' l-iskola
- intejbu l-metodi ta' kif nippjanaw u nfasslu s-sena skolastika
- insaħħu l-kunċett ta' edukazzjoni inklużiva

Miżuri oħra huma:

- id-djarju ta' l-iskola ngħata format ġdid biex iservi aħjar bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn l-iskola u d-dar
- l-istudenti ta' l-ewwel u t-tieni sena jinġabru f'bitħa differenti minn dik li fiha jinġabru l-istudenti tat-tielet u r-raba' sena.

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbeneditubco

# Editorjal

**Merħba u xewqat tajba**

Bdejna sena ġdida fl-iskola tagħna u għalhekk nagħti merħba lilek, għażiż ġenitur, li għandek f'idejk dan il-fuljett li l-ħsieb tiegħu huwa li jżommok aġġornat ma' dak li qed jiġri hawnhekk.

Aħna tal-bord editorjali ta' dan il-fuljett irridu nsaħħu il-kuntatt tagħna miegħek. Se nżommuk infurmat bl-aħbarijiet ta' l-iskola u, barra minn hekk, se nxandru fil-fuljett kitbiet tajbin ta' l-istudenti tagħna biex nuru kemm għandna studenti kapaċi. Aħna nemmnu ħafna fil-kapaċitajiet ta' l-istudenti tagħna u nemmnu wkoll fil-kapaċitajiet tiegħek bħala ġenitur u fit-tajjeb li qed tagħti lit-tifel tiegħek.

Għażiż ġenitur, nixtiqulek sena ta' ħidma bil-għaqal ma' ibnek u magħna l-għalliema. Infakkruk li l-iskola qiegħda hawnhekk biex tiftaħ l-aptit ta' l-istudenti tagħna biex ikomplu jiksbu l-għerf ħalli meta jiġu biex joħroġu minnha, joħorġu rġiel tajba b'valuri sodi msejsin fuq prinċipji tajba tal-ħajja.

**Bord Editorjali**

*D. Agius Muscat*
*P. Callus*
*G. Micallef*

*Tkompli*

- it-*tuck shop* qed joffri xi ħaġa differenti kull ġimgħa
- xi studenti tar-raba' sena qed jingħataw lezzjonijiet marbutin mal-karrieri
- il-*Form Time* u l-*assemblies* qed isiru qabel il-brejk ta' filgħodu biex ma jintilifx ħin mil-lezzjonijiet

Għal min hu dilettant ta' l-istatistika nsemmu li l-iskola kibret b'aktar minn 220 studenti biex żdidna għal aktar minn 530 student. Żdidna b'assistent kap ġdid, in-numru ta' l-għalliema u *facilitators* kważi rdoppja. Irdoppja wkoll in-numru ta' l-għalliema tal-*Guidance*, tas-Saħħa u s-Sigurta` u l-għalliema librara. Armajna aktar laboratorji u xtrajna aktar apparat. Żdied ukoll ix-xogħol iżda ċerti li ser jiżdied l-appoġġ tagħkom anki jekk xi drabi jitlob xi ftit tas-sagrifiċċju.

Mingħajr sagrifiċċju mhux probabbli li nagħmlu dak il-pass 'il quddiem. Nibqgħu staġnati fejn inkunu jew aħjar minn hekk nibdew naqtgħu lura sakemm nindunaw li tlifna wisq. Il-flus u ħafna affarjiet oħra jmorru u jiġu iżda żgur mhux hekk fejn jidħol l-iżvilupp ta' wliedna. Kull telf, żgħir kemm hu żgħir, ma jerġax jiġi. L-għodda

kollha hemm qiegħda. Jonqos biss li nużawha u nużawha tajjeb!

*Is-Sur J. Micallef*

Kap ta' l-Iskola

# *Popolazzjoni ta' l-istudenti*




**Total - 533**

# *Rapport fuq l-INSET*

Nhar il-Ġimgħa 15, it-Tnejn 18 u t-Tlieta 19 ta' Settembru 2006 sar kors intensiv għall-għalliema u l-*Kindergarten Assitants* kollha li jgħallmu fl-iskejjel li jiffurmaw il-Kulleġġ San Benedittu.

Għall-ewwel darba, l-għalliema fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu kellhom l-opportunita` li jattendu għall-istess kors taħt saqaf wieħed. It-tema tal-kors kienet *Differentiated Teaching and Learning Strategies*. Il-kors tmexxa b'abbilta` mis-Sur Colin Calleja, għalliem fl-Universita` ta' Malta.

Permezz ta' diskussjonijiet, *workshops* u qsim ta' ideat u esperjenzi, l-għalliema setgħu jifhmu li kull individwu għandu modi differenti sabiex jassimila t-tagħlim li jingħata. Huwa għalhekk fid-dover ta' kull min hu responsabbli mill-klassi li janalizza u jifhem il-modi kif jitgħallmu l-istudenti tiegħu sabiex ikun f'pożizzjoni li jiżviluppa strateġiji mmirati lejn l-istess studenti bil-għan li jirnexxu fl-iżvilupp personali u fil-ħiliet akkademiċi tagħhom.

It-tagħlim huwa proċess li għandu jwassal għall-iżvilupp sħiħ ta' kull individwu. Il-kors kellu l-għan li jipprovdi l-għodda neċessarja lill-istaff akkademiku kollu biex jgħin lil kull student jilqa' l-isfidi tat-tielet millenju.

*Is-Sur R. Muscat*
Assistent Kap tal-Kulleġġ

# Kalendarju ta' l-Is

**Ottubru 2006**

| | | |
|---|---|---|
| Ott | 4-5 | Kampanja kontra l-ibbulijar – Form 3 & Form 4 |
| | 12-13 | Kampanja kontra l-ibbulijar – Form 2 |
| | 2-16 | Ġimgħa favur kuxjenza akbar lejn l-annimali |
| | 18 | Jum Ewropew tal-Ġenituri u l-Iskejjel – Form 1 |
| | 18 | Seminar ta' nofs ta' nhar ta' l-SDP (għall-għalliema) |
| | 20 | Jum Ewropew tal-lingwi |
| | 24-27 | Saħħa u sigurta` fil-prattika – Form 1 |

**Novembru 2006**

| | | |
|---|---|---|
| Nov | 1-3 | Vaganzi tal-mid-term |
| | 10 | Jum il-ġenituri (L-ewwel parti) |
| | 14 | Laqgħa ta' l-SDP wara l-ħin ta' l-iskola (għall-għalliema) |
| | 22 | Seminar għall-klassijiet tal-Form 4 fuq l-abbuż tas-sustanzi |
| | 22 | Turnew tal-futbol bejn grupp ta' skejjel – Form 1 & 2 |
| | 29 | Laqgħa għall-ġenituri fuq l-abbuż tas-sustanzi - Form 4 |

**Diċembru 2006**

| | | |
|---|---|---|
| Diċ | 1 | Laqgħa fuq l-atletika bejn grupp ta' skejjel |
| | 4-5, 7 | Żjara ta' l-istudenti u l-ġenituri tal-Year 6 fl-iskola tagħna |
| | 8 | Vaganza Pubblika – L-Immakulata Kunċizzjoni |
| | 12 | Turnew tal-futbol |
| | 13 | Vaganza Nazzjonali |
| | 18-22 | Ġimgħa ta' attivitajiet għall-Milied |
| | 23 | Bidu tal-vaganzi tal-Milied |

**Jannar 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Jan | 8 | Bidu tat-tieni term |
| | 16 | Seminar ta' nofs ta' nhar ta' l-SDP (għall-għalliema) |

# skola 2006 - 2007

**Frar 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Frar | 10 | Vaganza pubblika |
| | 9-16 | Eżamijiet ta' nofs is-sena |
| | 19-20 | Vaganzi tal-karnival |

**Marzu 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mar | 19 | Vaganza pubblika |
| | 30 | Jum id-Duluri |
| | 31 | Vaganza Nazzjonali |

**April 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Apr | 4-11 | Vaganzi ta' l-Għid il-Kbir |

**Mejju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mejju | 1 | Vaganza pubblika |
| | 7-11 | Eżamijiet tad-dħul għall-Junior Lyceum |

**Ġunju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Ġunju | 1 | Bidu tan-nofs ta' nhari |
| | 7 | Vaganza Nazzjonali |
| | 13-15 | Eżamijiet annwali orali |
| | 18-28 | Eżamijiet annwali tal-kitba |
| | 29 | Vaganza pubblika |

**Lulju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Lul | 9-11 | INSET (għall-għalliema) |
| | 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

*Dan il-kalendarju jkollu aġġornamenti f'kull ħarġa*

# Mill-Guidance Services

## Kampanja kontra l-ibbulijar

F'dan l-ewwel term it-taqsima tal-*Guidance Services* tal-Kulleġġ San Benedittu ħdimna biex inqajmu kuxjenza dwar l-ibbulijar ma' l-istudenti tat-2, tat-3 u tar-4 sena. Għal dan il-għan kellna fostna għalliema mill-*Anti-Bullying Section*. Dawn tkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom bħala għalliema u ma' l-istudenti ddiskutew xi punti komuni f'sitwazzjonijiet ta' bulijar u kif dan jista' jiġi evitat. L-użu ta' *slides* u *cartoons* għenu sabiex tqajmu xi punti mill-istudenti.

## Laqgħa għall-ġenituri ta' l-istudenti l-ġodda

Ħassejna li l-ewwel laqgħa għall-ġenituri ta' l-istudenti li daħlu fil-Form 1 din is-sena kellha tkun dwar is-servizzi differenti li huma offruti mill-i*Students' Services* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Għalhekk stedinna lis-sezzjonijiet li jaħdmu kontra l-użu ta' sustanzi u kontra l-ibbulijar, favur is-sigurtà tat-tfal sabiex jitkellmu dwar ix-xogħol tagħhom. Tajjeb li mill-bidu ta' l-esperjenza skolastika magħna, kulħadd ikun jaf x'servizzi hemm offruti.

Kien hemm ġenituri li kellmu lilna jew lill-amministrazzjoni dwar il-basktijiet tqal fil-bidu tas-sena. Din hija waħda mill-punti li jqumu mal-bidla minn skola primarja għal dik sekondarja minħabba n-numru ta' suġġetti u esiġenzi differenti ta' l-għalliema. Agħtu titwila lejn is-sit elettroniku ta' l-iskola fejn tajna xi punti prattiċi sabiex intaffu din il-problema.

## Edukazzjoni Fiżika

Il-membri tad-dipartiment ta' l-Edukazzjoni Fiżika qegħdin jaħdmu id f'id biex jinvolvu l-istudenti tal-Kulleġġ f'ħajja aktar attiva. Għalkemm għadna biss fil-bidu tas-sena skolastika d-dipartiment laħaq ħaseb għal bosta attivitajiet. Leagues tal-futbol, *volleyball* u *basketball* ġew organizzati biex l-istudenti jkunu jistgħu jqattgħu l-brejk b'mod aktar attiv u soċjevoli. Fl-istess ħin ikun hemm integrazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-klassijiet. Barra minn hekk, fil-brejk qiegħed jiġi organizzat taħriġ ta' l-atletika għal dawk l-istudenti li jinteressaw ruħhom f'dan l-isport. Id-dipartiment ħaseb ukoll biex jintegra għaqdiet sportivi u skejjel oħra mal-kulleġġ tagħna. Fit-22 ta' Novembru 2006 se jkollna Festival tal-Futbol, li fih se jipparteċipaw disa' skejjel oħra. Integrajna wkoll il-kowċ tat-tim nazzjonali Malti tar-*rugby*, Damian O'Neill. Is-Sur O'Neill involva ruħu f'xi lezzjonijiet tat-*Tag Rugby*. L-istudenti kellhom ukoll l-opportunita jitkellmu miegħu u jistaqsuh xi mistoqsijiet. L-attività kienet ta' suċċess u hemm pjanijiet li dan il-kowċ jerġa' jagħmel żjarat oħra fejn se jagħti ukoll taħriġ speċifiku lill-għalliema tad-dipartiment biex ikunu jistgħu jgħallmu l-logħba aħjar.

## Ġimgħa favur kuxjenza akbar lejn l-annimali

Ta' kull sena, nhar l-4 t'Ottubru, fil-festa ta' San Franġisk t'Assisi, titqajjem aktar kuxjenza favur l-annimali. L-iskola Sekondarja tas-Subien tal-Kulleġġ San Benedittu ħasbet biex flok ġurnata waħda, tiddedika ġimgħa sħiħa favur din it-tema - bl-għan li titqajjem kuxjenza akbar dwar l-imħabba u r-rispett lejn l-annimali fost l-istudenti tagħna. Matul din il-ġimgħa saru aktar lezzjonijiet marbuta mat-tema ta' l-annimali. Ġiet imnedija wkoll kompetizzjoni maqsuma f'erba' kategoriji: poeżija, kitba, tpinġija u xogħol kreattiv dwar l-istess tema. Għal din il-kompetizzjoni kellna konkorrenza tajba ħafna mill-istudenti li ma naqsux juru t-talenti tagħhom. Matul il-ġimgħa nġabru wkoll xi fondi li ser jintbagħtu bħala għajnuna għas-santwarju tal-klieb li jinsab Delimara.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet huma: Rudy Grech għall-aħjar tpinġija, Jerome Vella għall-aħjar kitba, Matthew Camilleri għall-aħjar ċart informattiva u Marlon Formosa għall-aħjar xogħol kreattiv.

*N. Busuttil & M. Zahra Sacco*

## L-Akkademja taċ-Ċess

Iċ-ċess wasal ukoll fil-Kulleġġ San Benedittu permezz tat-twaqqif ta' l-Akkademja taċ-Ċess fi ħdan il-Kulleġġ. L-istudenti se jkollhom opportunita` li jagħmlu użu minn taħriġ u riżorsi li ġew maħsuba apposta biex jiġi mgħallem u pprattikat dan l-isport 'tal-ħsieb'.

Il-lezzjonijiet taċ-ċess se jkunu miftuħin għall-istudenti kollha matul il-brejks ta' nofs in-nhar tat-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Il-Kulleġġ San Benedittu qed joffri wkoll lezzjonijiet taċ-ċess lill-istudenti u l-ġenituri tagħhom fi ħdan l-Edukazzjoni ta' l-Adulti. Dawn il-lezzjonijiet isiru filgħaxija fl-iskola Sekondarja tas-Subien tal-Kulleġġ.

*M. Montebello*

## Nifirħu lil...

*Jerome Vella*, li jinsab fil-klassi 2.2 li ħa l-inizzjattiva li jikteb lill-Papa Benedittu XVI. Il-Papa rrispondieh u filwaqt li bierku, bierek ukoll il-kulleġġ tagħna flimkien ma' l-għalliema u kollegi sħabu.

*Brandon Brincat* tal-klassi 1.7 u *Erik John Brincat* tal-klassi 2.4 li jieħdu ħsieb studenti mill-istess klassi, peress li dawn jinsabu fil-"wheelchair" għal perjodu ta' żmien, minħabba li weġġgħu saqajhom.

# Ftakar

- **Matul ix-xahar ta' Novembru l-uniformi tal-iskola** għandha tkun:
  - Qmis ta' l-iskola (komma qasira jew twila)
  - Ingravata ta' l-iskola
  - Flokk ta' l-iskola mingħajr komma
  - Qalziet ta' l-iskola
  - Ċintorin u żarbun iswed
- **Xagħar** miżbugħ jew ikkulurit u/jew maqtugħ b'mod mhux xieraq għall-iskola huwa pprojbit. Importanti li t-tfal ikollhom ix-xagħar bil-kulur naturali tagħhom. Mhux permess l-użu ta' *gel* fix-xagħar.
- **Brazzuletti, giżirani, imsielet, piercing u ċappetti** ma jistgħux jintlibsu fl-iskola.
- **Telefowns ċellulari** m'humiex permessi fl-iskola. Dawn jiġu konfiskati immedjatament.
- **Logħob bl-idejn**, ritaljazzjoni permezz ta' vjolenza, lotta jew logħob goff ieħor huma assolutament projbit. Bl-istess mod mhux tollerata inkejja, intimidazzjoni, tpattija jew sfida għall-ġlied. Miżuri serji ta' dixxiplina jittieħdu mill-Amministrazzjoni.
- Il-ġenituri huma obbligati mil-liġi li jibagħtu lil uliedhom l-iskola regolarment. Tinżamm **attendenza** għal kull lezzjoni u studenti li jfallu lezzjonijiet bla permess jitqiesu li fallew l-iskola u jkunu rrappurtati. Normalment għall-ewwel tlett ijiem ta' assentejiżmu għal kull xahar mhux meħtieġ ċertifikat mediku. Madankollu f'każ ta' dubju dwar il-ġenwinita` tal-każ, il-Kap ta' l-Iskola għandu dritt jitlob għal ċertifikat mediku anke għal ġurnata biss. Iċ-ċertifikati jridu jaslu l-iskola sat-tieni jum tax-xahar ta' wara.



Trid tkun taf aktar dwar l-iskola tat-tifel tiegħek?
Mela żur il-websajt tagħna
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

Biex tirċievi l-aħħar tagħrif fuq l-iskola bl-email
ibgħat l-indirizz elettroniku tiegħek fuq
kulleggsanbenedittubco@onvol.net